MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 1687/1999/1

**It-Tabib Michael Farrugia**

**v.**

**It-Tabib Louis Deguara**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell, interpost mill-konvenut, kontra sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Novembru 2004, li permezz taghha laqghet it-talbiet attrici u, wara li ddikjarat li l-imsemmi Tabib Louis Deguara kien ta malafama lill-attur permezz ta' artikolu ppublikat fil-gurnal

"In-Nazzjon" tat-3 ta' Lulju 1999, ikkundannatu jhallas bhala danni (taht il-ligi ta' l-istampa) lill-attur Tabib Michael Farrugia is-somma ta' tmien mitt lira (Lm800).

2. Fic-citazzjoni tieghu l-attur ippremetta illi l-konvenut, fil-harga tal-gurnal "In-Nazzjon" tat-3 ta' Lulju 1999 u permezz ta' artikolu minnu miktub intitolat "Skandlu jew korruzzjoni?", kien tah malafama billi attribwilu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku. L-attur qal ukoll li dana l-artikolu kien "gie sostnut" mill-istess konvenut fil-kummenti tieghu fil-bullettin ta' l-ahbarijiet ta' Radio 101. Ippremetta wkoll l-attur li dana l-artikolu u l-kummenti mxandra fuq ir-radju jinsinwaw di fronte ghalih – cioe` l-attur – gia` Ministru tas-Sahha fi zmien Amministrazzjoni Laburista, irresponsabilita` f'infiq ta' flus il-poplu, u interessi suspettuzi u b'sapur ta' korruzzjoni. L-attur talab ghalhekk li l-ewwel Qorti tiddikjara li l-konvenut tah malafama bl-istampat imsemmi u bil-kummenti imxandra, u li ghalhekk jigi kkundannat ihallas id-danni skond il-ligi. Mac-citazzjoni hemm annessa kopja ta' l-artikolu inkriminat (li deher f'pagna 10 tal-harga msemmija tal-gurnal), fol. 3 *tergo*, kif ukoll traskrizzjoni ta' silta mill-bullettin ta' l-ahbarijiet ta' Radio 101 ta' nofsinhar tas-Sibt 3 ta' Lulju 1999, fol. 9 tal-atti.

3. In difeza tieghu l-konvenut ta' zewg eccezzjonijiet. L-ewwel eccezzjoni hi li l-pubblikazzjoni mhix libelluza fil-konfront ta' l-attur billi l-attur la hu identifikat u lanqas identifikabbli. It-tieni eccezzjoni, subordinata u bla pregudizzju ghall-ewwel wahda, hi li l-artikolu in kwistjoni jikkontjeni allegazzjonijiet ta' fatt u kummenti – ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjonijiet ta' fatt, il-konvenut offra li jaghmel il-prova tal-verita` taghhom, filwaqt li ghal dawk li huma kummenti huwa ssottometta li dawn jammontaw ghal "fair comment" li huwa kien intitolat jaghmel skond il-ligi. Huwa rrizerva li jissolleva eccezzjonijiet ohra, izda ebda eccezzjoni ohra ma giet formalment sollevata.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

4. Bis-sentenza taghha msemmija l-ewwel Qorti rrespingiet l-ewwel eccezzjoni – u cioe` li l-attur la kien gie identifikat u lanqas kien identifikabbli – u ghalhekk irriteniet li l-attur kien identifikabbli; u rrespingiet anke t-tieni eccezzjoni peress li rriteniet li “l-attur ipprova li fl-artikolu miktub mill-konvenut kien hemm akkuzi infondati ta’ tberbiq ta’ flus il-poplu, ta’ interessi suspettuzi u ta’ skandlu u korruzzjoni.”

**L-appell tal-konvenut**

5. Il-konvenut appella minn din is-sentenza. Bazikament l-appellant ghandu zewg aggravji. Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni minnu sollevata, huwa jirritjeni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u applikazzjoni zbaljata tal-ligi, anke fid-dawl tal-liberta` ta’ espressjoni u l-liberta` ta’ l-istampa fil-kuntest ta’ kontroversi ta’ natura politika. Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni, l-appellant jikkontendi li l-attur la kien identifikat u anqas kien identifikabbli, u li ghalhekk l-ewwel eccezzjoni kellha tigi akkolta. Fir-risposta tieghu ghall-appell, l-attur jikkontendi li l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha fir-rigward taz-zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

6. Din il-Qorti sejra l-ewwel tikkonsidra l-aggravju rigwardanti l-identifikazzjoni, jew l-identifikabilita`, ta' l-attur bhala l-persuna li fil-konfront tieghu jistghu talvolta kienu diretti xi allegazzjonijiet kontenuti fl-artikolu inkriminat kif, skond l-attur, sostnuti b’dak li l-konvenut qal f’bullettin ta’ l-ahbarijiet fuq Radio 101. Kif inhu risaput *“to succeed in an action of defamation the cliamant must not only prove that the defendant published the words and that they are defamatory; he must also identify himself as the person defamed.”* [1] Jekk l-attur, bhalma qed jikkontendi l-konvenut, la gie identifikat bhala l-persuna li fil-konfront tieghu saru l-allegazzjonijiet – f’dan il-kaz ta’ malamministrazzjoni u tberbiq ta’ flus, b’sapur ta’ skandlu

[1] **Gatley on Libel and Slander** 10th ed., Sweet & Maxwell (2004), para. 7.1, p. 182.

jew korruzzjoni – u lanqas ma kien identifikabbli, allura kollox jieqaf hemm.

7. L-ewwel Qorti, dwar dan il-punt, esprimiet ruhha hekk:

"Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li l-publikazzjoni mhix libelluza fil-konfront ta' l-attur billi l-attur la hu identifikat u lanqas identifikabbli. Hu spjega li l-artikolu jitkellem fuq id-Dipartiment tas-Sahha, li tieghu l-attur kien Ministru bejn 1996 u 1998, izda imkien u fl-ebda parti mill-artikolu ma saret allegazzjoni fil-konfront ta’ l-attur personalment.

"Illi skond l-awtur P. Carey fil-ktieb tieghu Media Law 1996 pagna 43, *The plaintiff must show that the words were published of and concerning him. It will be no defence that the plaintiff is not referred to by name if he would be capable of being identified by the reasonable person…. The test, in every case, is whether reasonable people would understand the words to point to the plaintiff personally.*

"Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza Desira Buttigieg vs Cossai et Vol XL11 p4 p 1529 tad-29 ta' Novembru 1958: "Verament mhux importanti li wiehed jara x'kellhom f'rashom il-kwerelati meta l-artikolu nkwistjoni gie miktub u stampat, imma importanti huwa li wiehed jara x'jifhem ic-cittadin ordinarju ta' intelligenza normali meta jaqra l-artikolu.” Ara wkoll App Civ. Onor. Dr. G. Abela vs Dr. J. Muscat 22.7.85).

"Jikteb Gately On Libel and Slander li, “*where the libel does not ex facie refer to the plaintiff, extrinsic evidence must be given “to connect the libel with the plaintiff*” (page 809 9th Ed).

"Fl-artikolu inkriminat il-konvenut jikteb fost hwejjeg ohra li jrid risposta ghal mistoqsijiet li jqajjem kaz bhal dan. Hu kiteb: “**Ma rridux habi bil-paraventu tal-Bord tal-Vigilanza u d-Dixxiplina”.**

"L-attur issottometta li hu kien il-ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha dak iz-zmien in kwistjoni indikat mill-konvenut u ghalhekk ir-referenza li saret fl-artikolu kienet ghalih billi huwa kien suggett ghad-dixxiplina tal-Bord tal-Vigilanza tal-Partit Laburtista. Dan hu dak li jifhem il-qarrej ordinarju meta jaqra l-artikolu nkriminat.

"Minn naha l-ohra l-konvenut jirritjeni li l-Bord ghandu gurisdizzjoni fuq kull membru assocjat fil-Malta Labour Party u l-attur huwa wiehed minn eluf li fuqu dan il-Bord ghandu gurisdizzjoni.

"Ghall Qorti dan l-argument pero' ma jregiex billi d-Dipartiment tas-Sahha mhux suggett ghal Bord tal-Vigilianza u Dixxiplina u lanqas il-Labour Party ma huwa *accountable* ghad-Dipartiment tas-Sahha imma hu l-Ministru koncernat cjoe` f'dan il-kaz l-attur. Il-Bord tal-Vigilianza u Dixxiplina tal-partit Labursta m'ghandux x'jaqsam ma' amministrazzjoni ta' impjegati tac-civil jew ma inkompetenza fl-amministarzzjoni fic-civil.

"Ghalhekk jidher car li l-konvenut fl-artikolu inkriminat kien qed jisfida lill attur biex ma jistahbiex wara l-paraventu tal-Bord tal-Dixxiplina.

"Inoltre fix-xhieda tieghu, meta l-konvenut gie mistoqsi jekk jeskludiex li kellu f'mohhu lill attur fl-artikolu tieghu, il-konvenut wiegeb li ma jeskludhiex. Ghalhekk l-attur kien inkluz ukoll. Kif gie deciz mill-Qrati taghna "ma jistghax jigi favorevolmente mismugh il-kwerelat filli jaghti l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' identifikazzjon tal-kwerelant, meta huwa stess, fil-kors tal-gudizzju jaccetta li r-riferenza kienet ghall kwerelant". (Rev. Fr.Leopoldo vs Perit D.Mintoff App Krim Inf. 23.6.1962.)

"Ghalhekk kollox ma kollox il Qorti taqbel li l-attur kien identifikabbli ghalkemm ma giex indentifikat b'ismu fl-artikolu inkriminat."

8. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni raggunta minn dik il-Qorti kif

hawn appena riportata. Jibda biex jinghad li f'materja ta' azzjoni ghal malafama jew libell huwa ferm importanti li jinzamm dejjem bilanc bejn id-dritt ghall-liberta` ta' espressjoni, maghdud id-dritt – u d-dover – ta' l-istampa li tinforma u tifforma l-opinjoni pubblika, minn naha l-wahda, u d-dritt ta' l-individwu ghar-reputazzjoni tajba tieghu min-naha l-ohra. Ghalkemm id-dritt fondamentali tal-liberta` ta' espressjoni normalment jigi invokat fl-analizi ta' jekk dak li gie pubblikat ghandux jigi punit (civilment jew penalment), il-htiega ta' dan il-bilanc ghandu jinzamm ukoll f'mohh il-gudikant meta dan ikun qed jiddecidi fl-ewwel lok jekk il-pubblikazzjoni inkriminata tidentifikax o meno persuna jew persuni partikolari, li allura, jekk identifikata jew identifikabbli, ikollha jew ikollhom id-dritt ta' azzjoni. F'dan il-kuntest wiehed ma jistax jonqos milli jzomm quddiem ghajnejh ukoll illi, kif imfisser minn Karen Reid fil-ktieb taghha **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights** [2] *"The important role played by politicians themselves in contributing to public debate has also been recognised [by the European Court of Human Rights]. Elected representatives represent their constituents, defending their concerns and interference in their role calls for the closest scrutiny."* [3] Fil-kuntest ta' l-impatt li l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea kellu fuq ir-regoli tal-*common law* Ingliza dwar l-accertament ta' jekk persuna hix identifikata jew identifikabbli, David Price u Korieh Duodu, fil-ktieb awtorevoli taghhom **Defamation: Law, Procedure and Practice** [4] josservaw hekk:

"Perhaps of greater importance as regards freedom of expression is the fact that, where an allegation is made against a group of people, any member of the group can bring a claim for defamation, unless the group is so large that no one member can reasonably claim to have been identified. This can inhibit freedom of expression. In *Bladet Tromso* [5] the European Court was clearly influenced by the fact that none of the seal hunters were named. Under the common law they would have been

[2] Sweet & Maxwell (London) 2004.
[3] p. 235
[4] Sweet & Maxwell (London) 2004.
[5] **Bladet Tromso and Stensaas v. Norway**, 20/5/1999.

sufficiently identifiable to maintain a claim. It may be that the English courts will continue to construe the principles of identification in a manner that is more favourable to publishers, and/or be more willing to uphold a defence of qualified privilege where the allegation is against a group as opposed to named individuals.” [6]

9. Fi kliem iehor, meta wiehed jigi biex jiddeciedi jekk l-attur hux identifikat jew identifikabbli, la hemm lok ta’ interpretazzjonijiet stirakkjati u anqas ta’ l-applikazzjoni ta’ principji jew kwotazzjonijiet minn sentenzi li huma l-boghod hafna milli mqar jikkontemplaw id-dritt tal-liberta` ta’ espressjoni bhala dritt fondamentali specjalment fil-kuntest ta’ dibattitu politiku.

10. Issa, biex wiehed jiddeciedi jekk l-attur, fil-kaz in dizamina, giex identifikat jew jekk hux identifikabbli, il-principji stabbiliti huma s-segwenti (u dawn gew, sa hawnhekk, esposti, b’mod ghalkemm forsi telegrafiku izda sostanzjalment korrett, mill-ewwel Qorti b’referenza ghal sentenzi lokali li kollha jirrispekkjaw il-principji tad-dritt ingliz in materja):

“The issue of identification is to be decided on the same principles as those which govern the question of whether the words are capable of a defamatory meaning. Where the claimant is expressly identified by name, it is not necessary to produce evidence that anyone to whom the statement was published did identify the claimant. The question is not whether anyone *did* identify the claimant but whether persons who were acquainted with the claimant *could* identify him from the words used…Where the claimant is referred to in an indirect way or by implication it will be a question of degree how far evidence will be required to connect the libel with him. At one extreme, if there is a libel on ‘the Prime Minister’ that officer does not need to produce witnesses to testify that they know who he is. At the other extreme, the claimant may only be identifiable by reason of extraneous facts which are not generally known, in which case there is no

[6] para. 38-19, p. 464.

actionable publication unless it is shown that the words were communicated to persons with such knowledge. Even in the latter type of case, however, it is not enough that the recipients of the statement did understand it to refer to the claimant: the issue is whether reasonable people with their knowledge would so understand it…The general rule is that a statement is to be understood in the way in which a reasonable recipient would understand it at the time it is published: subsequent knowledge which makes the recipient look back on it in a different light will not make it defamatory…it is immaterial that the defendant did not intend to refer to the claimant, or did not even know of his existence. The question is: Would the words complained of be understood by reasonable people who knew the claimant to refer to him?” [7]

U Price u Duodu jigbru l-principji in tema ta’ identifikazzjoni jew identifikabilita` hekk:

“Identification of the claimant can arise by virtue of the ‘natural and ordinary’ meaning of the words. In *Watts*, it was the juxtaposition of the photograph of the claimant with the defamatory words. More commonly it arises because certain readers have knowledge of particular matters, which lead them to understand the statement to refer to the claimant. This in known as identification by innuendo. In common with innuendo in relation to meaning, the particular matters necessary to make the identification may be known to a large number of readers, as was the case in *Lloyd*, or a limited number, as in *Morgan*. The claimant must prove by direct evidence or inference that there are readers who have the necessary knowledge…The test is whether reasonable readers generally or a reasonable reader with the particular knowledge would understand the statement to refer to the claimant. Mere conjecture that it might refer to the claimant is insufficient…The test is objective and the intention of the defendant in this as in other areas is irrelevant for the purposes of proving the claimant’s case…” (sottolinear ta’ din il-Qorti) [8]

---

[7] **Gatley on Libel and Slander** *op. cit.* paras 7.3 sa 7.5, pp. 184 sa 186.

[8] **Defamation: Law, Procedure and Practice** *op. cit.* para. 4-03, pp. 32 sa 33.

11. Din il-Qorti qrat bir-reqqa u ripetutament l-artikolu inkriminat. Dan hu intestat “Skandlu jew Korruzzjoni?”, b’erba’ sottotitoli: “Inkomplu nikxfu l-qerq u l-ingann tal-Partit Laburista fil-Gvern”, “Dak li l-partit Laburista ghamel hu meta kien fil-gvern qed jipprova jitfghu fuqna”, “Lm100,000 sparpaljati – ordnata investigazzjoni ohra”, u “L-istess nies li sa llum setghu ffrankaw eluf kbar ta’ liri qed jghidu li ahna qed inberbqu”. F’dana l-artikolu, li kif inghad inkiteb fit-3 ta’ Lulju 1999, il-konvenut appellant, wara li jirreferi ghal riklam li kien deher f’gurnal lokali li kien jghid li hu (jigifieri l-konvenut) kien nefaq Lm13,000 (minn fondi pubblici) fuq karozza – fatt li huwa jichad – ghadda biex fisser li, skond hu, qabel l-elezzjoni ta’ l-1998 kien sar arrangament biex *MRI scans* jibdew isiru minn kumpanija privata[9]. Allega li f’xi zmien, pero` dejjem qabel l-imsemmija elezzjoni, din il-kumpannija kienet ghamlet offerta lid-Dipartiment tas-Sahha biex tkompli taghmel dawn l-ezamijiet pero` b’arrangament li kien ifisser anqas spiza lill-Gvern. Skond il-konvenut appellant, il-kumpannija privata qatt ma kellha risposta ghal din l-offerta u b’hekk eluf ta’ liri ma gewx iffrankati, u l-ittra taghha anqas biss kienet iddahhlet fil-*file* relattiv. Il-konvenut, li allura wara l-elezzjoni ta’ l-1998 kien lahaq ministru responsabbli mis-sahha filwaqt li qabel l-elezzjoni kien l-attur li kien jokkupa dik il-kariga, itemm l-artikolu hekk:

“Fuq dan il-kaz tal-MRI ghad baqghalna x’nisimghu. Irridu risposta ghal mistoqsijiet li qajjem kaz bhal dan. Ma rridux habi bil-paraventu tal-Bord ta’ Vigilanza u d-Dixxiplina.

“Irridu nkunu nafu ghaliex qatt ma nghatat risposta ghall-offerta vantaggjuza li rcieva l-Ministeru?

“Irridu nkunu nafu min kien responsabbli biex din ir-risposta ma nghatatx?

“Irridu nkunu nafu x’interess kellu minn ipprefera li d-dipartiment jibqa’ jhallas bi prezz gholi?

[9] Mill-provi rrizulta li dan kien sptar privat.

“Irridu nkunu nafu ghaliex min kien responsabbli ma hax azzjoni fuq l-offerta vantaggjuza li saret?

“Irridu nkunu nafu ghaliex il-poplu kellu jhallas madwar Lm100,000 aktar ghax ma nkitbitx semplici ittra biex tikkonferma l-offerta gdida?

“Ghal dan il-ghan ordnajt li ssir investigazzjoni fi hdan id-dipartiment biex il-poplu jkun jaf il-fatti veri u min hu responsabbli ghal dan in-nuqqas li sewa lill-poplu madwar Lm100,000 jerfa’ r-responsabbilitajiet li d-decizjoni li ha ggor maghha.”

12. Imkien fl-artikolu kollu ma jissemma’ l-attur, la b’ismu u anqas bil-kariga li kien jokkupa, cioe` dik ta’ Ministru responsabbli mis-sahha – jissemmew, invece, f’diversi kuntesti il-Partit Laburista, il-Gvern Laburista, id-Dipartiment tas-Sahha matul l-Amministrazzjoni Laburista u il-Ministeru. Il-mistoqsija hija: jista’ jinghad li l-attur huwa identifikabbli bhala l-persuna li fil-konfront tieghu qed issir l-allegazzjoni – ghall-mument irrispettivament min jekk hix vera o meno – ta’ malamministrazzjoni u tberbiq ta’ flus b’sapur ta’ skandlu u korruzzjoni? Ma hemmx dubbju li <u>politikament</u> huwa dejjem il-Ministru li jirrispondi ghan-nuqqasijiet fid-Dipartimenti li jaqghu taht id-dikasteru tieghu; pero` ghall-finijiet ta’ kawza bhal dik in dizamina dak li jrid jigi determinat huwa jekk l-allegazzjoni hix qed issir fil-konfront ta' l-attur <u>personalment</u>, jigifieri jekk hu personalment hux qed jigi akkuzat li ghamel xi haga hazina, possibilment korrotta (u mhux li s-subalterni tieghu setghu naqsu f’dan ir-rigward, cioe` mhux semplicement nies fid-dipartiment jew dipertimenti li ghalihom huwa responsabbli jew nies fil-Ministeru tieghu).

13. Din il-Qorti, kif diga` nghad, ma tistax tikkondividi l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Li kieku kull kritika ta’ Dipartiment jew Ministeru jew kull allegazzjoni ta’ malamministrazzjoni jew, aghar, ta’ korruzzjoni, f’Dipartiment jew f’Ministeru tigi tekwivali ghal allegazzjoni li l-Ministru <u>personalment</u> qed jigi hekk akkuzat (u allura, jekk il-fatti jirrizultaw inveritjeri fis-sustanza, ikun ukoll il-

Ministru li jkun gie malafamat), tigi indebitament stultifikata u mxekkla kull kritika, anke jekk harxa, tal-amministrazzjoni pubblika. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-24 ta' April 2007 fl-ismijiet **Lombardo and others v. Malta**, *"…the limits of permissible criticism are wider still with regard to the government than in relation to a private citizen or even a politician. In a democratic system the actions or omissions of the Government must be subject to the close scrutiny not only of the legislative and judicial authorities but also of public opinion."* [10] Fil-fehma ta' din il-Qorti il-qarrej ordinarju, dotat b'intelligenza ordinarja anke dwar il-partiti politici f'Malta, meta jaqra l-artikolu in kwistjoni, u anke jekk ikun sema' l-bullettin ta' l-ahbarijiet aktar 'l fuq imsemmi[11], b'ebda mod ma ghandu ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni li qed jigi allegat li l-attur personalment ghamel xi haga hazina mill-affarijiet elenkati fl-ahhar ta' l-artikolu f'forma ta' kweziti. Ta min jghid li anke l-attur stess, fl-affidavit tieghu tal-20 ta' Marzu 2000 (fol. 18) jindika li l-artikolu huwa indirizzat lejn l-amministrazzjoni Laburista tad-Dipartiment tas-sahha u mhux lejh personalment: *"…allega illi taht l-amministratzzjoni Laburista d-Dipartiment tas-Sahha, li tieghu jien kont responsabbli, kien involut fi sparpaljar ta' ammont sostanzjali ta' flus…"*.

14. Jidher li l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni differenti minhabba zewg cirkostanzi: ir-referenza (fil-bran hawn aktar 'l fuq citat) ghall-Bord ta' Vigilanza u Dixxiplina, u l-fatt li fid-deposizzjoni tieghu in kontro-ezami l-konvenut "ma eskludiex" lill-attur. Issa, apparti li r-referenza ghal dana l-bord din il-Qorti tifhimha – u hekk ghandu jifhimha l-qarrej ordinarju – f'sens metaforiku u cioe` fis-sens ta' "Ejja ma noqghdux ninhbew wara subghajna", l-attur ma gab ebda prova tal-funzjoni vera ta' dan il-Bord. Kien biss f'parti zghira mill-kontro-ezami tal-konvenut, fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2004 (fol. 127 *et seq.*), li saru xi mistoqsijiet lill-attur dwar il-Bord tal-Vigilanza u d-Dixxiplina (ara minn fol. 136 'l quddiem). La mit-twegibiet tal-konvenut u wisq anqas mill-mistoqsijiet ta' l-avukat ta' l-attur (jew mill-interruzzjonijiet ta' l-avukat tal-konvenut!) ma tittrapela xi

[10] Para. 54.
[11] Dana l-bullettin ma jallega assolutament xejn fil-konfront tal-attur personalment.

prova li wiehed jista' joqghod fuqha dwar il-poteri u mansjonijiet ta' dan il-Bord. Il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti u cioe` li l-konvenut kien qed jisfida lill-attur – u ghalhekk identifika lill-attur – biex hu personalment ma jistahbiex wara l-paraventu ta' l-imsemmi Bord mhux biss ma hix sostnuta bi provi migjuba skond il-ligi (u certament l-ewwel Qorti ma setghetx tiehu *judicial notice* tal-poteri u mansjonijiet ta' l-imsemmi Bord), izda anqas minn qari oggettiv u spassjonat ta' l-istess artikolu fit-totalita` tieghu.

15. Kwantu ghar-referenza ghal dak li nghad fis-sentenza **Leopoldo v. Mintoff**, din il-Qorti tosserva li c-cirkostanzi f'dik il-kawza kienu *toto coelo* differenti minn dawk f'din il-kawza. F'dik il-kawza l-kwerelant Patri Leopoldo kien wiehed minn hames religjuzi li kienu jghixu f'dar partikolari u allura facilment identifikabbli bhala l-persuna li ghaliha kien irrefera l-Perit Mintoff f'diskors pubbliku. Il-Qorti Kriminali rriteniet li mill-provi prodotti mill-kwerelant Patri Leopoldo stess, ma kienx hemm dubju li l-kwerelat kien qed jirreferi ghalih. Dik il-Qorti, pero`, ziedet tghid li minn kliemu stess minn fuq il-pedana tax-xhieda il-kwerelat Mintoff kien accetta *impliciter* li r-referenza fid-diskors kienet ghall-kwerelant Patri Leopoldo ghax kien qal li, iva, kellu xi hadd partikolari f'mohhu meta qal dak id-diskors. Fil-kaz in dizamina, invece, il-konvenut appellant ma qalx li kellu f'mohhu lil xi hadd in partikolari, wisq anqas li kellu f'mohhu lill-attur, izda semplicement qal li fil-kuntest ta' l-artikolu kollu "ma eskludiex" lill-attur – u effettivament ma setax jeskludieh bhala l-ministru allura politikament responsabbli mid-Dipartiment tas-Sahha – bhala li seta kien hekk responsabbli ghad-decizjoni li ma jkunx hemm twegiba ghall-offerta tal-kumpannija ghal rati (allegatament) aktar vantaggjuzi[12]. Fi kwalunkwe kaz, kif inghad it-test ghall-identifikabilita` ta' l-attur hija wahda oggettiva, u l-intenzjoni tal-konvenut jew x'kellu f'mohhu l-konvenut hija rrelevanti.

16. Ghalhekk kien hemm lok li tigi milqugha l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. Stabbilit dan, ma hemmx lok li

[12] Ara fol. 138 – 140.

din il-Qorti tinoltra ruhha aktar fl-aggravju l-iehor tal-konvenut appellant.

**Decide**

17. Ghall-motivi premessi tilqa’ l-appell u konsegwentement, filwaqt li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u cioe` li l-pubblikazzjoni mhix libelluza fil-konfront ta' l-attur billi l-attur la hu identifikat u lanqas identifikabbli, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tichad it-talbiet attrici. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, in vista tan-novita` tal-punt legali li qed jigi deciz ukoll fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------